MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1767/2003

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**John Curmi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Settembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u erbgha u sittin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm364.31), kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma, li jammonta ghal tlett mija u tlett liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm303.20), u ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku, li jammonta ghal wiehed u sittin lira Maltija u hdax-il centezmu (Lm61.11), fil-fond Shop 76, Triq Santa Lucija, Valletta, ghall-perjodu minn qabel l-1989**

**sat-3 ta' Marzu, 2003 skond il-kont numru 070638140 u d-dokumenti annessi (WSC1 u WSC2);**
**Bl-ispejjez, inkluzi tmien liri u hamsin centezmu (Lm8.50) spejjez ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju, 2000, u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher. Semgha x-xhieda ta' Dr. Guido Pace Spadaro ghall-Korporazzjoni attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha u sittin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm364.31) bl-imghax legali mis-27 ta' Gunju 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi tmien liri u hamsin centezmu (Lm8.50) spejjez ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju, 2000, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------